

# Aħbar **Tajba**

Eżek 33, 7-9
S 94 (95), 1-2.6-7.8-9
Rum 13, 8-10
Mt 18, 15-20

"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu.
**Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk."**

Darba kien hemm żewġ aħwa li tgħidx kemm kienu ħbieb ta' xulxin. F'kollox kienu jmorru tajjeb u kienu jiftiehmu u jaqsmu kulma kellhom. Missierhom, li kien qed jikber fl-età beda jinduna li ma setax ilaħħaq jaħdem l-għalqa waħdu u ddeċieda li jaqsam l-art kbira li kellu fi tnejn u jagħti nofs lil kull wieħed miż-żewġt aħwa. Kien jaf li wliedu kienu jmorru tajjeb flimkien u allura kienu ser jgħinu lil xulxin. U hekk ġara. L-art qasamha fejn kien hemm xmara żgħira għaddejja biex kulħadd ikollu sehem mill-ilma għat-tisqija.

Imma darba kellhom xi jgħidu u waqfu jitkellmu u jifthiemu bejniethom. Sfortunatament il-problema baqgħu ma solvewhiex u l-aħwa baqgħu snin ma jitkellmux u tilfu kull ħbiberija li kellhom bejniethom.

Ftit xhur wara mastrudaxxa mar għand wieħed mill-aħwa biex jara jistax jagħmillu xi xogħol. Il-bidwi ġietu idea u qal lill-mastrudaxxa biex jibnilu ċint għoli tal-injam fejn ix-xmara biex jaqsam u jissepara kompletament mill-art ta' ħuh ħalli anqas biss jarah. Il-mastrudaxxa wiegħdu li jlestilu x-xogħol fi ftit jiem. Ftit jiem wara, il-bidwi mar jara x-xogħol u ra li l-mastrudaxxa għamel eżattament il-kontra ta' dak li kellu f'moħħu. Il-mastrudaxxa kien bena pont tal-injam min-naħa għall-oħra fuq ix-xmara. Hekk kif kien maħsud, jara lil ħuh il-bidwi l-ieħor ġej minn fuq il-pont u joffri l-id tal-ħbiberija għax qatt ma kien stenna li ħuh se jibni pont! Skużaw ruħhom lil xulxin u minn dakinhar qisu qatt ma kien ġara xejn bejniethom. Talbu wkoll lill-mastrudaxxa biex ikompli jaħdem magħhom imma qalilhom li xogħlu hu li jibni ħafna iktar pontijiet.

Dan hu x-xogħol ta' kull Nisrani. Ġesù llum qed jitlobna li nkunu ta' wens għal dawk ta' madwarna, anki dawk li ma naqblux magħhom. Kultant li ngħinu lil dawk l-aktar għeżież għalina taf tkun xi ftit imbarazzanti imma jekk hu ta' ġid għalihom għandna nuruhom dak li hu tajjeb u veru anki jekk il-verità tista' tweġġa' xi ftit għall-bidu.

Fil-jiem li ġejjin ara kif tista' tgħin lil dawk qrib tiegħek. Kultant trid tibni pont għal sħabek waqt li drabi oħra trid tgħidilhom kelma ta' ġid. Tinsewx x'qalilna Ġesù: "Intom id-dawl tad-dinja. Ħallu d-dawl tagħkom jidher quddiem il-bnedmin biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jfaħħru lil Missierkom li hu fis-smewwiet".

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** ĦUK, DNUB, SIBU, WAĦDU, WIDDBU, IRBAĦT, MUR, WIEĦED, TNEJN, KNISJA, PAGAN, JIEN, NOFSHOM.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | A | R | B | A | Ż | M | IE | N | I |
| W | A | Ħ | D | U | A | Ħ | U | L | S |
| F | N | K | N | I | S | J | A | Ħ | I |
| P | A | G | A | N | D | D | N | U | B |
| T | W | A | Ħ | D | U | A | M | K | U |
| R | I | R | B | A | Ħ | T | O | T | E |
| E | D | M | O | J | W | N | IE | GĦ | Ħ |
| L | D | B | W | IE | Ħ | E | D | A | X |
| Ċ | B | I | A | N | Ċ | J | A | M | O |
| M | U | R | M | A | L | N | A | E | GĦ |
| I | N | O | F | S | H | O | M | L | O |
| S | D | I | X | X | I | P | L | I | T |
| S | P | IE | T | R | Ġ | E | S | Ù | A |
| A | Ġ | W | A | N | N | I | O | M | N |

"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub,
mur sibu waħdu u widdbu.
**Jekk jisma' minnek,
tkun irbaħt lura lil ħuk."**



## Talba tal-Paċi

Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek.
Fejn hemm il-mibegħda,
ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
fejn hemm il-ħtija,
ħallini nferrex il-maħfra;
fejn hemm id-dubju,
ħallini ndaħħal il-fidi;
fejn hemm il-qtigħ il-qalb,
ħallini nqawwi t-tama;
fejn hemm id-dlam,
ħallini nkebbes id-dawl;
fejn hemm in-niket;
ħallini nxerred il-ferħ.

Mgħallem divin, la tħallix
li iżjed infittex li nkun imfarraġ
milli nfarraġ jien;
li iżjed jifhimni ħaddieħor
milli nifhem lil ħaddieħor jien;
li iżjed ikun maħbub, milli nħobb jien.

Għaliex meta nagħtu, aħna naqilgħu,
meta naħfru, aħna niġu maħfura;
meta mmutu, nerġgħu nitwieldu għall-ħajja ta' dejjem.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.